**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

Każ Numru: 573/2016

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Roderick Spiteri)

**vs**

**Leslie Galea**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 56865M)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, Leslie Galea ta' 51 sena, iben John u Emanuela xebba Zammit, imwieled Pietà Malta, nhar l-10 ta' Jannar 1965 u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 56865M, akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-23 ta' Settembru 2016, ġewwa Abraham Farm, Triq tal-Qadi, Naxxar u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Dylan Zarb, f'periklu ċar, permezz ta' arma rregolari inkella strument li jaqta jew li jniggeż ikkaġunajt

offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dylan Zarb hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. N. Shaich M.D Reg. No. 5763 mill-Isptar Mater Dei, liema offiża ġġib ħsara li tista' ġġib periklu ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u/jew sfreġju gravi u permanenti f'waħda mill-idejn tal-offiż.

2. Bl-imġieba tiegħek, ikkaġunajt lil Dylan Zarb u/jew Michael Zarb jibża li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu.

3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Dylan Zarb u/jew Michael Zarb.

4. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

5. Ħebbejt għal Dylan Zarb u/jew Michael Zarb sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara b'xi mod.

6. Mingħajr ma drabt jew sawwat, heddidt bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabt, jew qbadt armi oħra kontra n-nies.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat, iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-vittmi, dan ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuni offiżi jew individwi oħra dan ai termini ta' l-artikolu 412C, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva eżebit estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Leslie Galea, talbet li dan il-każ jiġi investigat skont il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat Leslie Galea biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fl-istess seduta tat-2 ta' Diċembru 2019, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-eżenżjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **WPS 50 Oriana Spiteri** xehdet li fit-23 ta' Settembru 2016 għal ħabta ta' l-4.30pm kienet xogħol ġewwa l-għassa tan-Naxxar u ġiet infurmata li kien hemm argument ġewwa Abraham's Farm fin-Naxxar u waqt l-argument kien intuża xi furkettun. Ix-xhud flimkien ma PC924 u PC765 marru fuq il-post u huma u neżlin waqfithom ċertu Marcon Galea u nformahom li kien hemm argument fejn kienu nvoluti ħuha, missierha u l-għarus tagħha. Innotaw li kellha xi demm fuqha u staqsewha jekk kellhiex bżonn xi assistenza medika. Hija nformathom li d-demm ma kienx tagħha u ċċapset bih meta marret biex tferraq. Infurmathom li fuq il-post kien għad hemm l-għarus tagħha u li kienet se tmur tfittex lil missierha u lil ħuha għax kienu telqu minn fuq il-post. Ix-xhud spjegat li x'ħin huma waslu fuq il-post sabu li kien diġa hemm diversi pulizija tal-RIU kif ukoll kien hemm ċertu Dylan Zarb u Michael Zarb. Dylan Zarb kellu id-demm ma idu x-xellugija u allega li kien qala' daqqa ta' furkettun mingħand Leslie Galea. Dylan Zarb ittieħed l-isptar Mater Dei b'ambulanza u Michael Zarb irrifjuta l-assistenza medika. Dak il-ħin ġie elevat furkettun li allegatament intuża waqt l-argument u ttieħed l-għassa ta' San Ġwann. Michael Zarb ġie mitkellem fejn stqarr li hu kien wasal ir-razzett wara li kien wassal lit-tifel tiegħu Dylan u x'ħin ħareġ l-imputat qallu *"ara t-tifel tiegħek x'inhu jagħmel"*. Kompla jgħid li f'daqqa waħda l-imputat Leslie Galea qal lil Jean Claude Galea sabiex idur għalih u f'daqqa

waħda l-imputat Leslie Galea qabad il-furkettun u ta' daqqa  bih lil Dylan Zarb. Dak il-ħin kemm l-imputat Leslie Galea u ibnu Jean Claude Galea ħarbu minn fuq il-post. Michael Zarb kien qal li kien qabad il-van tiegħu u beda jsegwi lill-imputat Leslie Galea. Michael Zarb sostna li wara l-vettura tiegħu kien hemm pparkjata l-vettura ta' Jean Claude, liena vettura huwa laqat bil-konsegwenza li saru xi ħsarat fuq iż-żewġ vetturi. Wara l-RIU kienu informaw lix-xhud li lill-imputat Leslie Galea kienu sabuh fit-triq filwaqt li lil Jean Claude Galea kienu sabuh ġo xi għalqa.

Ix-xhud xehdet li ġie mitkellem Jean Claude Galea fejn sostna li huwa kien qiegħed ġo l-istalel fejn daħlu l-imputat u oħt l-istess Jean Claude u cjoe Marcon Galea fejn kien qiegħed jagħmel il-friex tad-debba. Dak il-ħin ġew sparati xi tiri minn xi kaċċaturi, daħal Dylan u staqsieh jekk kienx hu li spara. Kompla jgħid li Dylan qallu li jekk kien se jweġġa lid-debba ħażin kien se jkun għalih. F'daqqa waħda Dylan mar fuqu bil-furkettun u tah daqqa ta' ponn. Huwa ġie mitlub ċertifikat mediku u minħabba li fil-vettura tiegħu kellu xi ħsarat ġie mitlub ukoll stima tal-ħsarat tal-vettura.

L-imputat Leslie Galea ittieħed l-għassa tal-pulizija u wara li lmenta li kellu xi wġiegħ f'darhu huwa ttieħed bl-ambulanza l-isptar. Fl-isptar l-imputat informa lill-pulizija li huwa u ibnu Jean Claude kienu illetikaw ma Dylan Zarb fuq xi żwiemel. Dylan Zarb  heddidhom li kien se joqtol lill-ibnu Jean Claude. F'daqqa waħda Dylan Zarb qabad banketta u spiċċaw biex ġew fl-idejn. Dylan Zarb ħataf injama bil-furkettun kien se iħebb għal-imputat Leslie Galea biha, fejn hu ħatafilu. Sostna li f'daqqa waħda mar fuq il-post missier Dylan u cioé Michael Zarb. Sostna li Michael Zarb mar fuq Jean Claude Galea u qabad jagħtih. Wara l-istess Michael Zarb startja l-vann u beda jiġri wara l-imputat bil-vann. Sostna wkoll li Michael Zarb kien ċempillu u beda jheddu li kien se joqtlu u li kien se ipattihielu u anke li kien se jkissirlu l-mercedes. F'daqqa waħda kien ra l-karozza tal-pulizija u b'hekk kien waqqafhom. Mistoqsi jekk kienx ta' daqqa ta' furkettun

lil Dylan Zarb huwa ċaħad u sostna li ma kienx minnu li huwa ta' daqqa ta' furkettun lil Dylan Zarb.

Il-pulizija tkellmu wkoll ma Dylan Zarb fejn huwa sostna li kien mar l-istalel mat-tfajla Marcon Galea. Huwa ra li d-debba tiegħu kienet qed taqbeż. Dylan Zarb kien sostna ma Jean Claude Galea li jekk l-imputat Leslie Galea kien se jweġġa lid-debba kien se jispiċċa ħażin. F'dak il-mument l-imputat Leslie Galea u ibnu Jean Claude daru għalih. Jean Claude Galea ħareġ b'furkettun f'idu u l-imputat b'banketta f'idejh u wara bidluhom. Bdew ituh. Wara kif jagħmel is-soltu mar fuq il-post missieru Michael u l-imputat Leslie Galea qallu sabiex ma jindaħalx. Michael Zarb qabeż għal ibnu Dylan Zarb u reġgħu ġew fl-idejn. F'ħin minnhom l-imputat Leslie Galea qabad il-furkettun u tah daqqa bih.

L-għada Dylan Zarb kien ha ċ-ċertifikat mediku l-għassa f'liema ċertifikat kien hemm indikat li Dylan Zarb kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi u l-imputat kien ġie rilaxxat mill-isptar.

Ix-xhud filwaqt li ppreżentat ir-rapport hija stqarret li kienet infurmat b'dan l-inċident lill-Ispettur Roderick Spiteri. Stqarret li kienet ittieħdet stqarrija bil-miktub mingħand Marcon Galea u li għal din l-istqarrija x-xhud kienet preżenti personalment.

2. **L-ispettur Roderick Spiteri** xehed kif fit-23 ta' Settembru 2016 huwa kien ġie nfurmat li kien hemm inċident fl-akkwati tal-Magħtab minn WPS 50 fejn kien ġie intużat furkettun fi ġlieda familjari. L-ewwel persuna mitkellma kienet Marcon Galea bint l-imputat. Hija spjegatlu kif dakinhar tal-inċident flimkien mal-partner tagħha Dylan Zarb kienu marru r-razzett bl-isem Abraham Farm. Fir-razzett kien hemm missierha l-imputat Leslie Galea u ħuha Jean Claude. Fir-razzett kollha kemm huma għandhom iż-żwiemel tagħhom. F'mument minnhom iż-żwiemel saru qishom aġitati u bdew qishom jiġġieldu bejniethom. Ix-xhud u missierha bdew jgħajtu maż-żwiemel u ż-żwiemel waqfu milli jkomplu jaġixxu

b'dak il-mod. Wara Dylan ħareġ id-debba tiegħu biex ikun jista jnaddafha bil-kwiet. Xi ħin wara ħuha Jean Claude talab lil Dylan biex joħroġlu d-debba tiegħu, iżda Dylan ma ridx għax kien se jsirlu l-ħin biex imur ix-xogħol. Dylan qallu wkoll 'għax jekk tweġġali d-debba jkollna xi ngħidu bl-ikrah.' Dak il-ħin ħuha Jean Claude ħareġ bil-furkettun f'idejh għal Dylan iżda fl-ebda ħin ma missu. Skond l-istess Marcon Galea, missierha l-imputat Leslie Galea minflok ma kkalmahom, aktar qabbadhom u il-qiegħa bdiet tisħon. Hija sostniet li ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni iżda missierha kompla jlissen u jipprovoka lil Dylan Zarb. F'ħin minnhom missierha qal lil Dylan li jekk kien se jitkessaħ miegħu huwa kien ha joqtollu d-debba. F'ħin minnhom l-imputat u Dylan Zarb ġew fl-idejn u bdew iħebbu għal xulxin. Imbagħad missierha qabad furkettun ieħor u Dylan qabad il-banketta biex jiddefendi ruħu. Kemm missierha u anke ħuha bdew jippruvaw iħebbu għal Dylan Zarb. Hi bdiet tipprova tidħol f'nofshom biex twaqqafhom, iżda ħuha u missierha baqgħu jagħtu lil Dylan bil-furkettun filwaqt li huwa beda jipprova jilqa d-daqqiet bil-banketta. F'ħin minnhom l-imputat tefa l-furkettun fl-art u ġie fl-idejn ma Dylan, imbuttah u Dylan waqa u ħabbat rasu mal-art. Dylan qam jiġri u reġgħu ġew fl-idejn. L-imputat reġa qabad il-furkettun u f'ħin minnhom ta' daqqa bih lill-Dylan u laqtu f'idejh. Spiċċa biex daħħallu l-furkettun f'idejh u beda ħiereġ ħafna demm. Fil-fatt hija spiċċat imċappsa bid-demm ukoll. Dylan beda jgħajjat bl-uġiegħ u ta' daqqa ta' ponn lill-imputat. Hija saqet il-Honda ta' Dylan lejn għalqa oħra li ma jmorrux ikisrulu l-karozza għax ħasset l l-affari ma spiċċatx hemm. Spjegatilhom kif hija kienet niżlet bil-karozza ta' Dylan flimkien mal-kuġin tagħha Matthew u ċemplet lill-omm Dylan fejn infurmatha x'kien ġara u talbitha sabiex iċċempel lil pulizija għax Marcon kien aġitata wisq biex iċċempel lil pulizija hi.

Il-biċċa reġgħet għaqdet għax fuq il-post mar missier Dylan u xejjer daqqa ta' ponn lil ħuha Jean Claude. Hija bdiet iżżomm lil Dylan biex ma jiġġiliedx ma missieha, iżda l-biċċa bdiet tgħaqqad sew u missier Dylan, kellu njama f'idejn u beda jgħid lill-imputat: 'Ejja mela issa tlaqt tiġri. Dik l-arja kollha ?'. Missierha u ħuha ħarbu minn fuq il-post u l-biċċa spiċċat hemmhekk. Michael Zarb baqa

jistenna u wara niżel bil-karozza fejn baqa dieħel fil-karozza ta' ħuha u faqahielu. Eventwalment waslu l-pulizija.

Ix-xhud sostna li ġie mitkellem ukoll Mchael Zarb fejn spjegalhom li wara ġurnata xogħol, fit-23 ta' Settembru 2023 għat-3.30pm talab lil Dylan sabiex jistennih ħalli jitligħu flimkien ir-razzett biex jieħdu ħsieb iż-żwiemel li kellhom. Dylan infurmah li huwa kien se jitla r-razzett ma Marcon minħabba li huwa kellu jiftaħ il-ħanut. X'ħin wasal fuq il-post, l-imputat kien diġa bil-furkettun f'idejh u hu ma kienx jaf bil-ġlieda li kien hemm. L-imputat malli ra lil Michael Zarb beda joffendih minnufih u Michael Zarb assuma li reġgħu bis-soltu storja għax ma kinitx l-ewwel darba li nqala' argument u assuma li l-argument kien bejn it-tifel tiegħu u Marcon. Michael Zarb sostna mal-pulizija li l-imputat Leslie Galea ħareġ bil-furkettun f'idejn u qallu 'għax it-tifel tiegħek, għax it-tifel tiegħek' filwaqt li Jean Claude beda joffendih ukoll. Michael Zarb sostna li huwa ma ħdejn Jean Claude u ċapċaplu daqqa ta' ponn u f'dak il-mument Jean Claude ħarab jiġri u ma rahx aktar. Sostna li l-imputat beda jillatika ma ibnu Dylan u f'ħin minnhom xejjirlu daqqa ta' furkettun li laqtu f'idejh u beda ħiereġ ħafna demm. It-tifel tiegħu infurmah li kienu ilhom għoxrin minuta jiġġieldu miegħu u jaqla d-daqqiet. Sa dak il-ħin Michael Zarb kien għadu ma jafx fuq xhiex iġġieldu u minħabba li l-imputat kien għadu kif ta' daqqa ta' furkettun lill-ibnu, Michael Zarb qabad injama f'idejh biex ibeżża lill-imputat biha u l-imputat ħarab minn fuq il-post u hu saq warajh bil-van iżda ma setax jilqu għax dan qabeż ġo għalqa u telaq. Michael Zarb ammetta li x'ħin ra lill-ibnu jaqla daqqa ta' furkettun huwa kisser il-vettura ta' Jean Claude. Michael Zarb sostna li d-daqqa ta' furkettun li qala ibnu Dylan mingħand l-imputat ma kinitx żgħira u fil-fatt ibnu kellu jiġi operat. Sostna li l-injama użaha biex ibeżża lill-imputat biha u fl-ebda ħin ma tah xi daqqiet biha. Sostna wkoll li huwa ta' daqqa ta' ponn lil Jean Claude għaliex dan kien offendih.

Meta mitkellem, Jean Claude Galea sostna kif hu u missieru (l-imputat Leslie Galea) kienu qegħdin ir-razzett u missieru kien qed jagħmel il-friex tad-debba.

Jean Claude ħareġ bid-debba u poġġieha viċin id-debba ta' Dylan Zarb. X'ħin Dylan Zarb kien ir-razzett, kaċċatur x'aktarx spara tir. Dak il-ħin id-debba ta' Jean Claude bdiet togħla viċin id-debba ta' Dylan Zarb. Dylan Zarb beda jheddu u qallu wkoll li jekk iweġġa lid-debba tiegħu tkun bi kbira għax din tiswa l-flus. Jean Claude sostna li huwa pprova jispjega lil Dylan Zarb li anke d-debba tiegħu tiswa l-flus. Dan il-ħun Dylan Zarb beda jidgħi b'Alla u bil-Madonna u l-imputat qal lil Dylan biex jagħlaq ħalqu. Anke Jean Claude Galea beda jitlob lil Dylan biex jaqtaha u dan sabiex ma jeskalawx l-affarijiet. Dak il-ħin Dylan qallu 'jien la nibża minnek u lanqas minn missierek' u qabad il-banketta u waddabha fid-direzjoni tiegħu. Dak il-ħin l-imputat u Dylan ġew għoqda u Jean Claude Galea pprova jferraqhom. Skond Jean Claude, Dylan telaq jiġri fejn kien hemm iġ-ġwież u qabad furkettun. F'ħin minnhom Dylan telaq jiġri u Jean Claude u l-imputat telqu jiġru warajh bil-furkettun. Komplew jiġġieldu u Jean Claude sostna li anke hu qala xi daqqaiet mingħand Dylan. Oħtu Marcon bdiet tipprova tferraqhom, u għal xi mument ikkalmaw. Imbaghad Jean Claude sostna li Dylan ċempel lil missieru u qallu biex jitla r-razzett ħalli jkisrulhom il-karozzi. Dak il-ħin Jean Claude qal lil Dylan biex jaqtagħha iżda Dylan irrispondih li x'ħin jasal missieru mu hu l-aqwa ha jħawwel. Jean Claude wieġbu lura billi qallu 'mela issa għidlu lil missierek jiġi' u oħtu Marcon bdiet tippanikja u qalilha biex iċċempel l-għassa u lil Sunny is-sid tar-razzett sabiex tinfurmah x'kien qiegħed jiġri. Imbagħad bħal donnhom ikkalmaw iżda mbagħad wara li kien għadda ftit ħin mar ir-razzett missier Dylan. Fir-razzett kien hemm ukoll l-imputat u l-qiegħa reġgħet bdiet tisħon u anke riedu jiġġieldu. Michael Zarb niżel riħ minn ġol-van, daħal jiġri b'injama u mar dritt għal l-imputat u għal Jean Claude. Lill-imputat Michael Zarb beda jgħidlu 'ejja Leslie', u f'ħin minnhom sabbat fl-art l-injama u anke flimkien ma ibnu Dylan bdew jagħtu biha kemm lill-missieru u anke lilu. Huwa sostna li huwa ma rax lil missieru jagħti daqqa ta' furkettun lil Dylan Zarb. Huwa sostna li missieru kellu xi demm ma għonqu. Sostna wkoll li Michael Zarb kellu xi mus pero waqt il-ġlieda dan il-mus ma ntużax. Michael Zarb sostna li jew Dylan jew missieru kienu faqgħulu il-karozza. Meta ġie mistoqsi jekk huwa kienx għamel xi offiżi jew insulti, Jean Claude sostna li huwa kien offendiehom

u anke kien hedded lil Michael Zarb li jekk jaħraqlu l-karozza jurih xi jsarraf. Huwa stqarr li kollox sar fis-saħna tal-mument. Mistoqsi jekk sofriex xi ġrieħi huwa qal li iva pero qatt ma ppreżenta lil pulizija ċertifikat mediku. Sostna li għandu spalltu u dahru juġgħuh iżda ma kellux ġrieħi viżibbli. Sostna wkoll li kulħadd kien iġġieled fil-ġlieda u ma jafx min weġġa lil min. Eventwalment sostna li jixtieq li din il-problema tissolva għax huma kienu dejjem qegħdin jiġġieldu għalkemm imbagħad l-affarijiet jieqfu.

Meta ġie mitkellem l-imputat Leslie Galea fl-ewwel verżjoni tiegħu spjega kif fir-razzett kien hemm hu, t-tifla Marcon, l-għarus tagħha Dylan u wara niżel ukoll missier Dylan u cjoe Michael. Kienu għal xi 3pm x'ħin bdew jilletikaw bejniethom Dylan u Jean Claude li jiġi t-tifel tiegħu. L-imputat talab lil Dylan sabiex ma jgħajjatx u Dylan irrispondieh li jekk Jean Claude jweġġalu d-debba ħażin għalih għax joqtlu. L-imputat qal lil Dylan: 'x'toqtol toqtol' u qallu wkoll 'mur l'hemm xbin'. Imbagħad l-imputat spiċċa biex qala daqqa ta' banketta mingħand Dylan u l-imputat irritalja billi tefa' lil Dylan fl-art. Imbagħad Dylan beda jiġġieled ma Jean Claude. F'ħin minnhom mar fuq il-post Michael li ħareġ minn ġol-van tiegħu b'mod aggressiv ħafna, qabad serratiz u beda jagħti bih lil Jean Claude. L-imputat sostna li huwa lasta ta' xkupa kellu f'idu u mhux furkettun u kien propju Dylan li kellu furkettun ta' kulur blue f'idu. L-imputat sostna li huwa ma jafx kif Dylan spiċċa b'dik il-ferita u li x'ħin kien fl-art Michael Zarb ried idaħħallu l-mus f'għonqu. Imbagħad ħarab u qabeż ġo l-għalqa fejn sabuh tal-RIU. Innega li kien qal xi diskors jew kliem bħal insulti jew offenda lil xi ħadd. Sostna li kien sofra xi ġrieħi u kien qed juġgħu sidru. Fil-fatt il-ġurnata ta' qabel kien inżamm l-isptar u anke telalu z-zokkor. Sostna li huwa qatt ma ta' daqqa ta' furkettun u l-verżjoni tiegħu kienet li jista jkun li x'ħin ġew fl-idejn Dylan Zarb intlaqat iżda ċertament li ma ntlaqatx minnu.

Ix-xhud xehed li minħabba li kien l-isptar, Dylan Zarb ġie mitkellem fit-28 ta' Settembru 2016. Dylan Zarb sostna li huwa mar ir-razzett flimkien mat-tfajla Marcon Galea u ra d-debba tiegħu li swietu ħafna flus u din bdiet taqbez

minħabba li Jean Claude kien tefa' id-debba tiegħu maġenb id-debba ta' Dylan. Dan meta suppost li kellhom xi ħadida fin-nofs sabiex ma jressquhomx ħdejn xulxin iżda Jean Claude għażel li jitfagħhom ħdejn xulxin. Għalhekk Dylan qal lil Jean Claude li 'jekk ser tweġġa d-debba, ha nispiċċaw ħażin.' Dak il-ħin mar ħdejhom l-imputat u qallu biex ma jgħajjatx mat-tifel tiegħu Jean Claude. Sadanattant Jean Claude ħareġ minn ġo l-istalla b'furkettun b'ħadida ta' kulur blue u manku kannella tal-injama. Dan huwa l-istess furkettun li mbagħad l-imputat uża biex jagħtih bih, kisirlu jdejh bih u seta' anke qatlu. Dak il-ħin beda jgħajjat u jwerżaq u beda jsostni li huwa ma jibża minn ħadd. F'ħin minnhom, l-imputat imbuttah u Dylan imbuttah lura u x'ħin għamel hekk daru t-tnejn għalih. Kien f'dak il-mument li l-imputat qabad il-furkettun li kellu f'idejn Jean Claude u Jean Claude qabad il-banketta li kien qed juża qabel Dylan. Kien dak il-ħin li bdew jhedduh bihom u qalulu sabiex ma jidħolx hemm ġew. Dylan sostna li huwa ħareġ il-barra u Jean Claude waddablu l-banketta. Dak il-ħin l-imputat neħħa l-furkettun minn idu u bdew jiġġieldu bl-idejn. Imbagħad qabeż Jean Claude minn warajh u tefgħuh fl-art. Is-sitwazzjoni kienet ikkalmat xi ftit iżda imbagħad wasal missieru fuq il-post u l-imputat ħareġ għal missieru u qallu 'għax it-tifel' u l-bqija ma semax id-diskors li ngħad. Dylan stqarr li missieru niżel għal imputat u f'idejh kellu serratiz sabiex ibeżża lill-istess imputat. Imbagħa mar fuq Jean Claude u tah daqqa ta' ponn. Dawn komplew jitlewmu u sadanittant l-imputat reġa qabad il-furkettun u ipprova jagħtih bih ġo rasu. Dylan laqa b'idu u kien hemmhekk fejn l-imputat kisirlu jdejh u għamillu diversi ferit f'idu. Dylan sostna li ġo dahru għandu diversi daqqiet ta' furkettun ukoll. Dylan spjega li x'ħin l-imputat tah bil-furkettun, il-furkettun weħel ma jdejh u rnexxielu joħodulu. Kien f'dak il-mument li l-imputat ħarab. Missieru qabad il-van u telaq jiġri wara l-imputat iżda ma rnexxilux jaqbdu. Sostna li missieru faqa' l-karozza ta' Jean Claude u li Dylan kien għamel toqba fil-karru taż-żwiemel ta' Jean Claude. Huwa ġie operat u t-tobba infurmawh li għad iridu jaraw jekk huwiex ha jibqa b'xi danni permanenti. Mistoqsi jekk kienx insulta, hedded jew tefa xi oġġetti fil-konfront tal-imputat u Jean Claude huwa kkonferma li iva għamel hekk u dan minħabba l-fatt li kien ilu għoxrin minuta jaqla mingħandhom, kif

huwa rifless fis-CCTVs. Meta Dylan ġie mistoqsi jekk hu u missieru qattx użaw mus waqt il-ġlieda huwa sostna li dan ma huwiex minnu. Mistoqsi jekk huwa tefax il-banketta lill-imputat jew lil Jean Claude huwa sostna li dan ma huwiex minnu u sostna li kien Jean Claude li tefa' l-banketta fid-direzzjoni tiegħu u hu uża l-banketta biss biex jipprova jilqa mid-daqqiet li kien qed jaqla bil-furkettun.

L-Ispettur Roderick Spiteri kompla bix-xhieda tiegħu billi sostna li l-pulizja kellha fil-pussess tagħha c-CCTV camera u raw il-filmati kollha. Fis-26 ta' Ottubru 2016, l-Ispettur Roderick Spiteri reġa bagħat għal imputat li kien fuq police bail u dakinhar l-imputat irrilaxxa it-tieni stqarrija tiegħhu. L-imputat ġie kkonfrontat mill-fatt li fil-filmat jidher li f'idejh huwa kellu furkettun u mhux lasta ta' xkupa. L-imputat sostna li jista jkun li x'ħin beda jagħtih Michael Zarb, huwa ġabar il-furkettun, imbagħad ramih l'hemm. L-imputat sostna li huwa telaq jiġri għax Michael Zarb beda jheddu li kien se joqtlu u anke mar waajh bil-van. Ikkonfrontat mil-fatt li mil-filmati jidher li huwa kien qiegħed jagħti xi daqqiet bil-furkettun, huwa sostna li huwa ma jidhirlux li għamel hekk madanakollu hu kien moħħu fuq it-tifel tiegħu sabiex ma jkompliex jaqla daqqiet minghand Michael Zarb li kien qiegħed jagħtih bis-serratizz u bil-ponn. L-imputat baqa jsostni li huwa ta' lil Dylan bil-ponn biss, kif wara kollox Dylan għamel lilu u li l-furkettun qatt ma kien f'idejh u li l-feriti ikkawżati lil Dylan jista jkun li seta' kien missieru stess li kkawżahomlu.

Ix-xhud ippreżenta ċertifikat mediku, sett ta' ritratti flimkien ma cd, stills tas-CCTV u c-cd, nota tad-dritt tal-jedd għal parir legali datata 24 ta' Settembru 2016, stqarrija datat 24 ta' Settembru 2016, nota tad-dritt tal-jedd għal parir legali datat 26 ta' Ottubru 2006 u stqarrija datata 26 ta' Ottubru 2016.

3. **Dr Nihal Shaik** xehed li huwa eżamina lil Dylan Zarb fl-isptar Mater Dei fejn kellu fattura parzjali fl-għadma magħrufa bħala ulna li hija l-għadma ta' bejn il-minkeb u l-polz. Kellu wkoll lacerated wounds f'idejh ukoll, u kellu tbenġila.

4. **Dr Mario Scerri** xehed li b'digriet tat-13 ta' Marzu 2017 ġie inkarigat sabiex jeżamina lil Dylan Zarb u jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-ġrieħi li dan ġarrab. Dylan Zarb ġie eżaminat nhar it-30 ta' Marzu 2017, fejn huwa allega li kien involut f'inċident fejn kellu argument mal-imputat Leslie Galea u ibnu Jean Claude Galea u allegatament qala daqqa ta' furkettun mingħand l-imputat Leslie Galea. Dr Mario Scerri xehed li Dylan Zarb kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei fejn kien qiegħed isofri minn compond fracture in-naħa tal-parti t'isfel tal-id ix-xellugija u fil-fatt hu ra l-istorja medika u għamel anke analiżi tal-X Ray li kien sar fuq l-istess id ta' Dylan Zarb. Jidher li Dylan Zarb kellu frattura u ċioe toqba fl-għadma li tista tkun kompatibbli ma' daqqa b'furkettun. Dylan Zarb kellu jiġi operat. Il-leżjoni kienet infettata u ġiet maħsula bl-antibijotiċi qabel ma ngħalqet. Dylan Zarb baqa' u għandu ċikatriċi viżibbli fuq l-id ix-xellugija pero' s-swaba u l-funzjonijiet tal-id huma preservati.

5. **PC 765 Paul Vella Cassia** xehed li fit-23 ta' Settembru 2016, ġew infurmati mill-Control Room, minn PC319 li kien hemm xi tilwima ġewwa razzett. Ix-xhud, PC924 u s-Surġenta 50 niżlu fuq il-post konċernat fejn hemmhekk fit-triq iltaqgħu ma' ċertu Marcon Galea li kellha xi dmija fuqha. Infurmathom li hi ma kienitx imweġġa', imma li kien hemm tilwima bejn missierha u persuni oħra.

   Il-Pulizija baqgħu sejrin fid-direzzjoni tal-post ikkonċernat. X'ħin waslu sabu li kien diġà hemm Pulizija tal-RIU. Sabu lil vittma Dylan Zarb li kellu xi ġrieħi fuq idejh u infurmahom li l-persuni li kienu ħebbew għalih kienu l-imputat u Jean Claude. Minħabba li la l-imputat u lanqas ibnu Jean Claude ma kienu fuq il-post, il-pulizija daru l-akwati u rnexxilhom isibu l-furkettun li allegatament ġie użat fil-mument tal-aggressjoni. Ikkonfiskawh u ħaduh magħhom l-għassa. Aktar tard kienu ġew infurmati mill-Pulizija tal-RIU li huma kienu rnexxielhom isibu kemm lill-imputat u anke lil ibnu Jean Claude u ħaduhom l-għassa.

6. **PC 924 Pierre Mifsud** xehed li huwa stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar bħala d-district driver. Fit-23 ta' Settembru 2016, għal-ħabta tal-4.30pm ġew

infurmati mill-Control Room illi kien hemm ġlieda ġo tal-Qadi Farm, limiti tas-Salini. Marru fuq il-post x-xhud, is-Surġent u kuntistabbli ieħor. Sabu lil ċertu Dylan Zarb li kellu jdejh tax-xellug li kienet bid-demm u mbagħad ġiet għalih l-ambulanza u ħaditu l-isptar. Il-Pulizija sabu l-furkettun allegatament użat waqt il-ġlieda u kien ix-xhud stess li għabbieh fil-karozza.

Is-Surġent kellmet lil Marcon Galea li wkoll kellha xi demm fuqha però hija ma kinitx involuta fil-ġlieda anzi hija kienet daħlet f'nofshom biex tferraqhom u kien għalhekk li kellha xi dmija fuqha. L-imputat u ibnu Jean Claude ma kienux għadhom fuq il-post. Aktar tard l-imputat u ibnu Jean Claude instabu mill-pulizija tal-RIU u tellgħuhom l-Għassa tan-Naxxar.

7. **Michael Zarb** xehed kif huwa kellu proċeduri kontra tiegħu li iżda kienu ġew deċiżi. Xehed kif dakinhar tal-inċident huwa kien għadu kif spiċċa mix-xogħol u x'ħin wasal id-dar ibnu Dylan Zarb talbu sabiex imorru flimkien ħdejn iż-żwiemel. Huwa sostna li huwa qal lit-tifel sabiex jagħtih ċans jiekol ftit u jmorru wara. Minħabba li t-tifel kien bil-ħanut u kien ħa jsirlu l-ħin, it-tifel ma stenniħx jiekol u tela' ħdejn iż-żwiemel qablu
u x-xhud tela' warajh. Ix-xhud spjega kif il-post jikkonsisti f'garage kbir u li hu u ibnu kellhom stalla mikrija hemmhekk.

X'ħin ix-xhud wasal fuq il-post. L-imputat ħareġ jgħajjat u ibnu qallu *"Pa ejja mela"*, u x'ħin staqsieh x'kien ġara, l-imputat Leslie Galea beda jgħajjat li ibnu Dylan Zarb ma huwiex raġel. Dak il-ħin ix-xhud kien għadu lanqas biss niżel minn ġol-vann u huwa ħaseb li kienu illatikaw ibnu u t-tfajla tiegħu Marcon li tiġi bint l-imputat.

Malli niżel minn ġol-vann, Jean Claude, it-tifel tal-imputat beda joffendieh. Ra li l-imputat Leslie Galea kellu furkettun f'idu, il-lasta tal-furkettun kienet ċelesta u l-furkettun kien kannella. Huwa ra lill-imputat ixejjer daqqa ta' furkettun lil

Dylan Zarb fejn laqtu f'idu. Wara huwa la ra lil Jean Claude u lanqas lill-imputat għax dawn ħarbu minn fuq il-post.

8. **Dylan Zarb** xehed kif lill-imputat kien jafu għax kien joħroġ ma bintu Marcon. Xehed kif huwa kellu iż-żwiemel u kien iżommhom ġo farm il-Magħtab, li kien jikkonsisti f'żewġ garaxxijiet fuq xulxin u kull garage kien jikkonsisti f'seba' stalel. Il-maġġorranza assoluta ta' min kien jikri dawn l-istalel kellhom dritt li joħorġu ż-żwiemel fihom. Fit-23 ta' Settembru 2016, huwa kien ċempel lil missieru u infurmah li huwa kien tiela' ħdejn iż-żwiemel. Missieru infurmah li huwa kien se jitla warajh u dan kif kien jagħmel is-soltu. Huwa mar il-farm mat-tfajla tiegħu Marcon. X'ħin waslu l-farm, kien diġa hemm l-imputat Leslie Galea u ibnu Jean Claude. X'ħin daħal ħdejn iż-żwiemel ix-xhud ra li fil-paddock tiegħu kien hemm iż-żwiemel tiegħu u tal-imputat jaqbżu għax l-imputat kien telaq liż-żiemel tiegħu fejn id-debba tiegħu.

Ix-xhud spjega kif madwar gimgħatejn jew ġimgħa qabel huma kienu ftehmu li kienu se jinfurmaw lil sid ir-razzett sabiex jagħmlu ħadida sabiex iż-żwiemel ma jkunux jistgħu jersqu lejn xulxin. Ix-xhud sostna li lill-imputat u lil Jean Claude staqsihom għalfejn kienu telqu ż-żiemel tiegħu ħdejn id-debba tiegħu meta kienu ftehmu li se jagħmlu l-ħadida u l-imputat qallu li sid ir-razzett qatt ma kien qalilhom xejn.

Ix-xhud sostna li bdew joħduh bl-herra u huwa qal lil Jean Claude li huwa ma qiegħedx ikellmu bil-ġlied u dak il-ħin Jean Claude imbuttah. X'ħin imbuttah, ix-xhud iddefenda ruħu u dak il-ħin ix-xhud u l-imputat ġew fl-idejn. Sadanittant Jean Claude qabad furkettun u beda jxejru waqt li beda jgħajjat li huwa ma kien jibża minn ħadd. Daruh it-tnejn fil-garage, dak il-ħin kienu għadhom qegħdin jiġġieldu miegħu bl-idejn. Dak il-ħin bdew jhedduh biex ma jidħolx f'dik il-parti fejn il-partijiet kollha kellhom iż-żwiemel tagħhom. Ix-xhud ħareġ il-barra u huma ħargu warajh biex isawtuh. Reġgħu ġew fl-idejn waqqawh fl-art u komplew jagħtuh. Dak il-ħin huwa kien waħdu, tnejn kontra wieħed u reġgħu

bdew jhedduh biex ma jidħolx fejn kien hemm iż-żwiemel. Ix-xhud ipprova jidħol ġol-garage. L-imputat qabad il-furkettun li kellu ibnu Jean Claude, filwaqt li ibnu Jean Claude qabad il-banketta kannella sabiex ix-xhud ma jkunx jista jidħol il-garage. Jean Claude waddablu l-banketta minn ġol garage għal barra. Ix-xhud sostna li huwa qabad dik il-banketta biex l-imputat ma jkunx jista' jagħth bil-furkettun u beda dieħel fil-garage. Dak il-ħin is-sitwazzjoni kkalmat, l-imputat neħħa l-furkettun minn idu u x-xhud neħħa l-banketta minn idu.

Madwar għoxrin minuta wara, wasal missier Dylan Zarb u cjoe Michael Zarb u l-imputat ħareġ u qal lill-missier x-xhud li: "inti m'għandekx x'taqsam u t-tifel tiegħek mhu raġel xejn" u beda jgħidlu ħafna kliem oxxen. Missieru niżel, mar fil-garage fejn kien hemm ix-xhud u staqsih x'kien ġara u jekk kinitx l-istorja tas-soltu u cjoe li llatikaw ix-xhud u t-tfajla tiegħu. Ix-xhud informa lil missieru li ma kienx il-każ u sostna miegħu li kienu ilhom jiġġieldu miegħu u jsawtuh għal madwar għoxrin minuta. Missieru ħareġ barra fejn kien hemm l-imputat u staqsieh għalfejn kienu qegħdin isawtu lil ibnu Dylan Zarb. Bdew jiġġieldu missier ix-xhud, Jean Claude u l-imputat. Dak il-ħin ix-xhud ħareġ għal ħdejhom u f'daqqa waħda jilmaħ lill-imputat Leslie Galea ha jmur bil-furkettun għalih. L-imputat kien se jibda jagħti bil-furkettun ġo ras ix-xhud u x-xhud laqa d-daqqiet b'idejh u spiċċa biex ħadu f'idu x-xellugija. Il-furkettun kien fih id-demel. Wara li tah bil-furkettun, l-imputat ħalla l-istess furkettun mal-art u telaq jiġri. L-istess għamel ibnu Jean Claude. Ix-xhud spjega kif huwa anke qala xi daqqiet bil-furkettun f'dahru, imma huwa ħass id-daqqa li qala f'idu għaliex ħassha ħafna. Ix-xhud stqarr li għad għandu l-marki tal-punti li huma viżibbli.

9. **PC 330 Rodney Shaun Azzopardi u PC 675 Franco Grima** għarfu l-firem tagħhom fuq dokumenti esebiti u cjoe fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-imputat milli jieħu parir legali mingħand avukat qabel ma titteħidlu l-istqarrija u l-firma fl-isqarrija tal-imputat.

10. **Dr Marisa Cassar** ippreżentat ir-rapporti tagħha fejn kellha l-inkarigu li tagħmel analiżi għal preżenza ta' demm u analiżi ta' komparzzjoni. Fl-ewwel rapport ġie konkluż li mill-kampjuni li ttieħdu minn isfel tal-lasta tal-furkettun ħareġ profil ġenetiku ta' 'Raġel A' waqt li minn fuq tal-lasta ħareġ profil ġenetiku mħallat fejn wieħed mill-kontributuri huwa 'Raġel A' .

Fit-tieni rapport tagħha ġie konkluż li meta wieħed jikkonsidra l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun, DOK RS 8 (isfel tal-lasta tal-furkettun), l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun jaqbel ma dak ta' Dylan Zarb hija ta' $3.51X10^{13}$, iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġeneriku ħareġ mill-kampjun jaqbel ma ta' persuna oħra fil-popolazzjoni.

Kif ukoll li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun, DOK RS 8 (fuq tal-lasta tal-furkettun), l-ipotesi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun jaqbel ma dak ta' Dylan Zarb hija ta' $4.5X10^{10}$, iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil ġeneriku ħareġ mill-kampjun jaqbel ma ta' persuna oħra fil-popolazzjoni.

11. **L-Istqarrija tal-imputat Leslie Galea** datata 24 ta' Settembru 2016**,** fejn fiha l-imputat stqarr li fir-razzett kien hemm hu, t-tifla Marcon, l-għarus tagħha Dylan u wara niżel ukoll missier Dylan u cioé Michael. Kienu għal xi 3.00pm x'ħin bdew jillatikaw bejniethom Dylan u Jean Claude li jiġi t-tifel tiegħu. L-imputat talab lil Dylan sabiex ma jgħajjatx u Dylan irrispondieh li jekk Jean Claude jweġġalu d-debba ħażin għalih għax joqtlu. L-imputat qal lil Dylan: 'x'toqtol toqtol' u qallu wkoll 'mur l'hemm xbin'. Imbagħad l-imputat spiċċa biex qala daqqa ta' banketta mingħand Dylan u l-imputat irritalja billi tefa' lil Dylan fl-art. Imbagħad Dylan beda jiġġieled ma Jean Claude. F'ħin minnhom mar fuq il-post Michael li ħareġ minn ġol-van tiegħu b'mod aggressiv ħafna, qabad serratiz u beda jagħti bih lil Jean Claude. L-imputat sostna li huwa lasta ta' xkupa kellu f'idu u mhux furkettun u kien propju Dylan li kellu furkettun ta' kulur blue f'idu. L-imputat sostna li huwa ma jafx kif Dylan spiċċa b'dik il-ferita u li x'ħin kien fl-art Michael Zarb ried idaħħallu l-mus f'għonqu. Imbagħad ħarab u qabeż ġo

l-għalqa fejn sabuh tal-RIU. Innega li kien qal xi diskors jew kliem bħal insulti jew offenda lil xi ħadd. Sostna li kien sofra xi ġrieħi u kien qed juġgħu sidru. Fil-fatt il-ġurnata ta' qabel kien inżamm l-isptar u anke telalu z-zokkor. Sostna li huwa qatt ma ta' daqqa ta' furkettun u l-verżjoni tiegħu kienet li jista jkun x'ħin ġew fl-idejn huwa ntlaqat iżda ċertament li ma ntlaqatx minnu.

12. **L-Istqarrija tal-imputat Leslie Galea datata 26 ta' Ottubru 2016,** fejn kkonfrontat mill-fatt li fil-filmat jidher li f'idejh huwa kellu furkettun u mhux lasta ta' xkupa. L-imputat sostna li jista jkun li x'ħin beda jagħtih Michael Zarb, huwa ġabar il-furkettun, imbagħad ramih l'hemm. L-imputat sostna li huwa telaq jiġri għax Michael beda jheddu li kien se joqtlu u anke mar warajh bil-van. Ikkonfrontat mil-fatt li mil-filmati jidher li huwa kien qiegħed jagħti xi daqqiet bil-furkettun, huwa sostna li huwa ma jidhirlux li għamel hekk madanakollu hu kien moħħu fuq it-tifel tiegħu sabiex ma jkompliex jaqla daqqiet minghand Michael li kien qiegħed jagħtih bis-serratizz u bil-ponn. L-imputat baqa jsostni li huwa ta' lil Dylan bil-ponn biss, kif wara kollox Dylan għamel lilu u li l-furkettun qatt ma kien f'idejh u li l-feriti ikkawżati lil Dylan jista jkun li seta' kien missieru stess li kkawżahomlu.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Il-Psikjatra Dr Joseph Cassar** xehed li ma hemmx evidenza ta' psikosi ċara fil-mument jew waqt il-mument tal-att u li l-imputat ma kienx qed isofri minn mard ta' ġenn skond it-termini tal-liġi.

2. Illi l-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

## B. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri. Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the*

*community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. ***Id-Difiża qegħda teċepixxi l-eċċezzjoni tal-Leġittima Difesa***

Stante il-fatt li d-difiża qiegħda teċepixxi l-eċċezzjoni tad-difiża leġittima, il-Qorti se tara jekk f'dan il-każ tapplikax din id-difiża hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra hekk:

> *"224. Jidħlu taħt il-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima, dawn li ġejjin:*
> *(a) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew ta' bibien li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;*
> *(b) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt tad-difiża kontra persuna li tkun tagħmel serq bi vjolenza jew sakkeġġ bi vjolenza, jew li tittanta tagħmel dak is-serq jew sakkeġġ;*
> *(ċ) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jkunu meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża tal-kastità ta' persuna nnifisha, jew ta' persuna oħra."*

Kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid:

*'223. Ma hemmx reat meta omiċidju jew offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permess mill-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtiega mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wiehed innifsu jew ta' ħaddiehor.'*

Id-dritt tal-leġittima difeża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta' forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. Dan ifisser li dak li għamel l-imputat, irid ikun għamlu peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setax jevita l-periklu li setgħa rriżulta bl-aġir tal-agressur salv b'dak li għamel l-imputat.

Kif jgħid il-Professur Mamo, il-periklu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux periklu premeditat:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wieħed irid ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u ċioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit.

Fis-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Mark Farugia il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fis-27 ta' Ġunju 2002** spjegat fid-dettal l-oriġini tal-prinċipju maħsub f'dan l-artikolu u rriteniet hekk:

*"Illi kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-leġittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita*

*ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti ... Wiehed irid jpoġġi lilu nniffsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit..."*

Il-prinċipju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tony Curmi et deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017, fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)** bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

*"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali....*
*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milquha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-*

*ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza. Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...] [...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement."*

Fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 t' Awwissu, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi:

*"Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il-bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli."*

Din il-Qorti wara li analiżżat il-provi kollha produċibbli jirriżultala li fit-23 ta' Settembru 2016 ġewwa Abraham Farm, fi Triq tal-Qadi, Naxxar fl-akkwati tal-Magħtab kien ġie intużat furkettun fi ġlieda familjari. F'dik il-ġlieda kienu involut Dylan Zarb, l-imputat Leslie Galea, Michael Zarb u Jean Claude Galea. Il-ġlieda seħħet minħabba li Dylan Zarb deherlu li bl-atteġjament tal-imputat Leslie Galea u Jean Claude Galea, id-debba tiegħu kienet jew setgħet kienet fil-periklu. L-argument l-ewwel beda verbalment, imbagħad il-partijiet ġew fl-idejn u intuża furkettun li bih Dylan Zarb spiċċa mweġġa b'ferit gravi f'idejh.

Minkejja li l-Qorti għandha quddiemha verżjonijiet xi ftit kontrastanti tal-fatti ta' x'wassal għal din il-ġlieda, u x'seħħ waqt l-istess ġlieda, madanakollu l-Qorti hija moralment konvinta li l-fatti huma s-segwenti:

- Dylan Zarb ħassu urtat li minkejja li ftit ġranet qabel kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet li ma jressqux iż-żwiemel tagħhom ħdejn xulxin, x'ħin mar ir-razzett sab li Jean Claude Galea kien ressaq iż-żiemel tiegħu ħdejn id-debba tiegħu.
- Illi f'dak il-mument seħħ argument verbali bejn Dylan Zarb u Jean Claude Galea, bl-imputat Leslie Galea jagħżel li minflok ma jintervjeni biex jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, spiċċa biex ipparteċipa f'dan l-argument verbali u l-qiegħa kompliet tisħon.
- L-argument eskala u f'ħin minnhom l-imputat Leslie Galea u Dylan Zarb ġew fl-idejn u ħebbew għal xulxin.
- Evetwalment f'din il-ġlieda fiżika involva ruħu wkoll iben l-imputat Jean Claude Galea.
- Dylan Zarb sab ruħu f'sitwazzjoni fejn kien qed ikun aggredit minn żewġ persuni u għalhekk ħareġ il-barra mir-razzett u kemm l-imputat Leslie Galea u anke ibnu Jean Claude minflok ma baqgħu ġewwa r-razzett ħarġu warajh.
- L-ġlieda kompliet barra, naturalment tnejn kontra wieħed.
- Eventwalment is-sitwazzjoni ikkalmat xi ftit.
- Meta mar fuq il-post missier Dylan Zarb u cjoe Michael Zarb is-sitwazzjoni reġgħet eskalat u waqt li kienu barra r-razzett l-imputat Leslie Galea xejjer daqqiet ta' furkettun lil Dylan Zarb u konsegwentament Dylan Zarb spiċċa biex ġarrab il-feriti kif ċertifikati.
- Immedjatament wara kemm Leslie Galea u anke Jean Claude Galea ħarbu minn fuq il-post.

Il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat Leslie Galea li wettaq il-feriti fuq Dylan Zarb u dan għaliex mill-istills u c-cctv camera jidher b'mod ċar li l-imputat Leslie Galea kellu f'idejh il-furkettun. Skont ix-xhieda u r-rapport tat-Tabib Dr Mario

Scerri, Dylan Zarb sofra frattura u cioé toqba fl-għadma li tista tkun kompatibbli ma' daqqa b'furkettun u finalment kemm Dylan Zarb u anke Michael Zarb ikkonfermaw li kien propju l-imputat Leslie Galea li sawwat lil Dylan Zarb bil-furkettun.

Il-Qorti ssostni li hija ma temminx il-verżjoni li l-imputat Leslie Galea rrilaxxa lil pulizija fl-istqarrija tiegħu u cioé li jista' jkun li kien propju missier Dylan Zarb u cjoe Michael Zarb li kkawża l-feriti lil ibnu Dylan Zarb.

Il-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' leġittima difesa għandha tistabbilixxi jekk:

a. Is-sitwazzjoni ta' periklu inħolqotx bl-aġir ta' Dylan Zarb u/jew ta' Michael Zarb u mhux da parti tal-imputat Leslie Galea.
b. Illi dak li għamel l-imputat Leslie Galea, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setgħax jevita l-periklu li setgħa irriżulta bl-aġir ta' Dylan Zarb u/jew Michael Zarb.
c. Illi t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu fil-konfront tal-imputat Leslie Galea kien inġust, gravi, u inevitabbli.
d. Illi l-periklu li sab ruħu fih l-imputat Leslie Galea kien attwali, istantanju u assolut.
e. Illi meta wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li kien fiha l-imputat Leslie Galea kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat Leslie Galea aġixxa għar-reazzjoni li kien iffaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit, wieħed kienx jaħseb li l-periklu huwa attwali.

Peress li mil-provi produċibbli jirriżulta li l-argument beda b'mod verbali bejn Dylan Zarb u Jean Claude Galea u l-imputat intervjena mhux biex jikkalma is-sitwazzjoni imma biex il-qiegħa kompliet tisħon, u minħabba li kien l-imputat li għażel li jintervjeni f'din il-ġlieda u mhux għax sab ruħu fiha, kif ukoll minħabba l-fatt li l-imputat Leslie Galea xejjer id-daqqiet ta' furkettun lil Dylan Zarb

f'mument li seta' faċilment telaq minn fuq il-post mingħajr il-ħtieġa li jagħti d-daqqiet ta' furkettun lil Dylan Zarb (konferma ta' dan huwa l-fatt li huwa ħarab immedjatament minn fuq il-post wara li ta d-daqqiet ta' furkettun lil Dylan Zarb), il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ ma hawnx l-elementi meħtieġa tad-difiża leġittima.

Ladarba l-eċċezzjoni tad-difiża leġittima qegħda tiġi miċħuda, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabbilixxi jekk l-azzjonijiet kommessi mill-imputat Leslie Galea kienux skużabbli u dan minħabba l-fatt li huwa seta' ġie pprovokat.

L-artikolu 230 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ċ-ċirkostanzi li huma skużabbli:

> *"230. L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli :*
> *(a) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(a) u (b);*
> *(b) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(ċ);*
> *(ċ) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna;*
> *(d) fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(d)."*

Imbagħad l-artikolu 227 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jinċita s-segwenti:

> *"227. L-omiċidju volontarju hu skużabbli :*
> *(a) jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija;*
> *(b) jekk ikun sar fil-waqt li wieħed, bi nhar, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew tad-daħla ta' dar jew ta' appartament abitat, jew post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;*

*(ċ) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha; sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt:*
*Iżda omiċidju ma jkunx skużabbli taħt dan il-paragrafu jekk ikun twettaq f'xi ċirkostanza msemmija fl-artikolu 211A*
*(d) jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:*
*Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret."*

L-Artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali jinċita is-segwenti:

*"Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."*

Illi fil-kawża **r-Repubblika ta' Malta vs Christopher Gauci deċiża fid-29 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali** ingħad is-segwenti:

*"Biex treggi d-difiza tal-provokazzjoni irid ikun hemm **l-immedjatezza** w cioe' li dak li jkun, ikun qed jirrejagixxi ghal xi haga li tkun saritlu dak il-hin u mhux qabel."*
*Kif jghid il-Professur Sir Athony Mamo (Notes on Criminal Law , Vol. II, 1958 edit., p. 263) :- "...in regard to all cases of provocation, it is expressly laid down that they shall not avail the offender unless they have taken place at the time of the act in excuse whereof they are pleaded. In other words, it is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose*

*and gain domination over the mind and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge and not heat of the blood."*

**Fl-appell kriminali Ir-Repubblika ta' Malta vs. Melchior Spiteri deċiża nhar it-28 ta' Frar 2008**, il-Qorti tal-Appell Kriminali abbraċċjat l-indirizz li kien għamel l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fuq l-element ta' l-immedjatezza bejn l-azzjoni provokatorja u r-reazzjoni tal-aġent tar-reat u intqal hekk:

*"Naraw dak [ix-xiehda ta' l-appellant, l-istato d'animo tieghu] fejn iwassalkom, ghaliex is-sens ta' tpattija, is-sens ta' vendikazzjoni, is-sens ta' ha nelimina sors ta' inkwiet, mhuwiex dak li jispira lil-legislatur meta nigu ghal eccezzjonijiet ta' din ix-xorta bhal self-defence. Mhux dak li gara l-bierah jghodd, x'qed jigri dak il-hin biex ikun hemm is-self-defence.* ***Jekk hija l-provokazzjoni l-istess****, mhux x'ghamilli gimgha ilu, mhux x'ghamel lill-mama` tieghi gimaghtejn ilu, x'qed jaghmillek dak il-hin. M'hemmx ghalfejn dak il-hin dak il-hin, jekk ikun gara hames minuti qabel, ghaxar minuti qabel, forsi siegha qabel u ghadek imdahdah, ghax ara x'ghamillek u tkun ghadek ipperturbat u agitat. Imma jrid ikun hemm certu kuntest li ma ghaddiex hafna zmien biex wiehed jilhaq jikkalma, jew jilhaq isib is-sensi tieghu. Allura anke dak li gara qabel, tridu taraw kemm gara qabel, u b'liema mod gara qabel u x'gara wara, imbaghad li gara qabel dawk il-fatti, hemm l-element taz-zmien, tat-trapass taz-zmien, jista' jkun fattur importanti favur jew kontra l-akkuzat, meta tezaminawh"*

Illi kif diġà ngħad, mil-provi produċibbli jirriżulta li kien l-imputat Leslie Galea li nvolva ruħu fil-ġlieda u dan għaliex oriġinarjament l-argument verbali beda bejn Dylan Zarb u Jean Claude Zarb. Imbagħad meta l-ġlieda eskalat u anke ġew fl-idejn il-ġlieda kienet bejn żewġ persuni (Leslie Galea u Jean Claude Galea) kontra persuna (Dylan Zarb). Eventwalment is-sitwazzjoni kienet ikkalmat iżda imbagħad x'hin fuq il-post wasal Michael Zarb u s-sitwazzjoni reġgħet eskalat u kien f'dak il-mument li l-imputat Leslie Galea laqat bil-furkettun lil Dylan Zarb.

Illi l-Qorti jidhrilha li għalkemm il-partijiet kienu involuti f'argument verbali jaħraq ħafna, madanakollu jirriżulta wkoll li l-imputat u Jean Claude Galea kienu ilhom diversi minuti jsawtu lil Dylan Zarb. Jirriżulta wkoll li s-sitwazzjoni kienet diġa kkalmat sabiex eventwalment reġgħet eskalat. Il-Qorti hija moralment konvinta li fil-mument li l-imputat Leslie Galea xejjer id-daqqiet ta' furkettun lil Dylan Zarb, ma kienux jeżistu l-elementi neċessarji sabiex din il-Qorti tiddikjara l-azzjonijiet tal-imputat Leslie Galea huma skużabbli u dan minħabba l-fatt li huwa ġie pprovokat. L-imputat Leslie Galea ta' daqqa ta' furkettun lil Dylan Zarb mhux għax kien ipprovokat u minħabba l-istess provokazzjoni ma baqax jara ċar, imma għaliex ried iweġġa lil Dylan Zarb.

***3.*** **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Dylan Zarb, f'periklu ċar, parmezz ta' arma rregolari inkella strument li jaqta jew li jniggeż ikkaġunajt offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dylan Zarb hekk kif ge iċċertifikat minn Dr. N. Shaich M.D Reg No. 5763 mill-Isptar Mater Dei, liema offiża ġġib ħsara li tista ġġib periklu ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u/jew sfreġju gravi u permanenti f'waħda mill-idejn tal-offiż."*

L-imputat jilqa għal din l-imputazzjoni billi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa jargumenta li legalment huwa ma jistax jinstab ħati ta' artikolu ġeneriku, liema artikolu ġeneriku joħloq xenarji differenti fis-sub inċiżi tiegħu. Dan qiegħed jingħad fl-isfond tal-fatt li fl-Artikoli l-Avukat Ġenerali għoġbu jiċċita l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 fil-ġeneralita' tiegħu mingħajr indikazzjoni ta' liema sub-artikolu/i jew paragrafu/i taħt l-istess artikoli huwa/huma applikabbli għar-reat in kwistjoni. L-imputat jargumenta li s-sub-artikoli tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali jipprospettaw tip ta' ġrieħi differenti u allura l-Avukat Ġenerali ma jistax jippretendi li dina l-Qorti tiddikjara ħtija taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali mingħajr ma jispeċifika f'hiex kien jikkonsisti l-periklu. L-imputat isostni wkoll li s-sejbien tal-ħtija għandu jkun ċirkostritt, preċiż u identifikat u

dan 'ad validitatem', altriment f'każ li dina l-Qorti ssib ħtija a bażi tal-artikolu 218 kif ġenerikament imsemmi mill-Avukat Ġenerali, isegwi n-nullita' tas-sentenza u dana għaliex fil-fehma tal-imputat l-eżistenza ta' 'lacunae' li jagħtu lok għal konġetturi twassal għal nullita.

Fis-sentenza **il-Pulizija vs Michael Carter** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001 ingħad is-segwenti:

> *"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni;"*

Tajjeb li jingħad li f'dan il-każ saret il-kumpilazzjoni rigward ir-reat li l-imputat qiegħed jiġi akkużat u dan għaliex mill-kumpilazzjoni kien ġie stabbilit li Dylan Zarb kien sofra ġrieħi f'waħda mill-idejn tiegħu u mir-ritratti numru 2 u numru 3 li jinsabu fir-rapport tat-Tabib Mario Scerri jirriżulta li l-isfreġju kien għadu jidher. Fix-xhieda tiegħu Dylan Zarb xehed li mil-polz tal-id sal-minkeb għandu l-marki tal-punti jidhru.

F'din l-imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat li kkaġuna "*offiża ġġib ħsara li tista ġġib periklu ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u/jew sfreġju gravi u permanenti f'waħda mill-idejn tal-offiż"*.

Din l-imputazzjoni ċertament li tinkwadra taħt l-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Min naħa l-oħra fin-Nota tal-Artikoli tiegħu, l-Avukat Ġenerali indika b'mod ġenerali l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr ma indika s-sub-artikoli.

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar jekk ġaladarba l-Avukat Ġenerali fin-Nota tal-Artikoli tiegħu ma speċifikax ukoll is-sub-artikoli, u mill-provi produċibbli tasal għal konklużjoni li l-imputat għandu jinstab ħati taħt xi sub-artikolu tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tistax tiddikjara l-ħtija.

Ġie kkunsidrat li s-sub-artikoli indikati taħt l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kollha jittrattaw l-istess reat li jġorr l-istess piena, u cioé r-reat ta' offiża gravi li hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin. Għalhekk hawnhekk m'għandniex sitwazzjoni fejn l-akkuża miġjuba fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma kienitx tirrifletti r-reat li bih l-imputat kellu jiġi mixli.

Din il-Qorti tagħti eżempju sabiex tesponi l-ħsieb tagħha, u ssemmi li hawnhekk m'għandniex sitwazzjoni fejn il-Pulizija Eżekuttiva xliet lill-imputat bir-reat ta' korruzzjoni attiva imbagħad fin-nota tar-rinviju għal ġudizzju l-Avukat Ġenerali ċċita l-artikoli tal-liġi li jirrelataw ma dik ta' korruzzjoni passiva. F'dan il-każ il-Pulizija Eżekuttiva xliet lill-imputat bir-reat ta' offiża gravi li hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin, u l-Avukat Ġenerali ċċita' l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda reat ta' offiża gravi li hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li fin-Nota tar-Rinviju għal ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, l-istess Avukat Ġenerali ma żiedx reati li dwarhom ma saritx il-kompilazzjoni.

Abbażi ta' dan il-ħsieb, ġaladarba fin-Nota tal-Artikoli tiegħu, iċċita l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda reat ta' offiża gravi li hija

punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin, il-Qorti xorta waħda tista tasal għas-sejbien ta' ħtija.

Kif diġa ingħad, din il-qorti hija konvinta li kien l-imputat Leslie Galea li wettaq il-feriti fuq Dylan Zarb u dan għaliex mill-istills u c-cctv camera jidher b'mod ċar li l-imputat Leslie Galea kellu f'idejh il-furkettun, illi skont ix-xhieda u r-rapport tat-Tabib Dr Mario Scerri, Dylan Zarb sofra frattura u cioé toqba fl-għadma li tista tkun kompatibbli ma' daqqa b'furkettun. Finalment kemm Dylan Zarb u anke Michael Zarb ikkonfermaw li kien propju l-imputat Leslie Galea li sawwat lil Dylan Zarb bil-furkettun.

Mir-ritratti numru 2 u numru 3 li jinsabu fir-rapport tat-Tabib Mario Scerri jirriżulta li l-isfreġju f'id Dylan Zarb għadu jidher. Fil-konklużjonijiet tiegħu Dr Mario Scerri jindika "*illi ċ-ċikatriċi deskrtitta tibqa' bħala marka viżibbli u permanenti fl-id ix-xellugija (forearm)*". Fix-xhieda tiegħu Dylan Zarb xehed li mil-polz tal-id sal-minkeb għandu l-marki tal-punti jidhru.

L-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> *"214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajjata' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna."*

L-artikolu 215 imbagħad ikompli billi jistabbilixxi li *"l-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa."*

Issa ir-reat taħt l-artikolu 218 jista jieħu diversi forom:

> *"218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*
*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*
*(3) Il-pieni għar-reati msemmija fis-subartikolu (1) għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-artikolu 312(2), kemm-il darba l-offiża fuq il-persuna tkun saret bil-mezz ta' likwidu jew sustanza li jesplodu."*

Mill provi prodotti ma jirriżultax li l-vittma Dylan Zarb sofra xi debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew xi difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ. Dan fil-fatt jixdu Dr Mario Scerri meta jgħid li *"l-funzjonijiet tal-estremita superjuri tax-xellug inkluż tas-swaba huma preservati"*. Għaldaqstant din il-Qorti ma jirriżultaliex l-artikolu 218(1)(a). L-artikolu 218(1)(ċ) huwa eskluz għal-raġunijiet ovvji. Dan iħalli l-artikolu 218(1)(b) li fil-ġurisprudenza nostrana tissejjaħ offiża gravissima. Jingħad li l-imputat m'huwiex mixli bl-artikolu 216(1)(b) li għalkemm differenti jimmerita li jiġi eżaminat sabiex wieħed jislet id-differenzi:

*"216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -*
*...*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

*"218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minnħamsa sa għaxar snin -*
*...*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

> *"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b) .... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Stabbilit il-fatt li għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 216(1)(b) mhemmx għalfejn wieħed jistenna sabiex jara l-effetti ta' l-isfreġju, a contrario senso għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 218(1)(b) l-isfreġju jrid ikun permanenti. Issa hawnhekk wieħed ma jistax jinsa l-artikolu 218(2) li jgħid li "l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk." Biss jekk mat-trapass taż-żmien jirriżulta xi tibdil f'dik il-permanenza, cirkostanza bħal dik il-Qorti ma tistax tinjora. Dan il-Qorti qed tgħidu peress li mill-atti jirriżulta li Dr Debono għall-parte ċivile Dylan Zarb, waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2022, jiddikjara li Dylan Zarb m'għadux ibati minn xi konsegwenzi riżultat tal-ġrieħi li ġarrab. Dan ovvjament jinċidi fuq l-element tal-permanenza tal-isfreġju, li huwa neċessarju sabiex tinstab ħtija taħt l-artikolu 218(1)(b).

Element importanti li jrid jiġi sodisfatt huwa li l-isfreġju irid ikun gravi. Fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** deċiża fil-5 ta' Frar 1998, l-Imħallef Vincent Degaetano jtenn li:

> "Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. **Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tahti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali."** [enfasi tal-Qorti]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fi-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Spagnol, deċiża fit-12 ta' Settembru 1996, l-Imħallef Vincent DeGaetano sostna hekk:

> *"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p.235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux*

*importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deċiża fit-30 ta' Lulju 2004 ġie ritenut:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Din il-Qorti għaldaqstant wara li qieset li hawn si tratta ta' ċikatriċi fuq in-naħa ta' taħt tal-id, fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-parte ċivile stess li m'għadx hemm konsegwenzi riżultat tal-ġrieħi, tenut kont tal-insenjament fis-sentenza appena ċitata, tasal biex tiddetermina li l-ġrieħi ma jaqawx taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

4. **It-Tieni Imputazzjoni***: "Bl-imġieba tiegħek, ikkaġunajt lil Dylan Zarb u/jew Michael Zarb jibża li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu."*

Mill-provi produċibbli jirriżulta ampjament ċar li kien l-imputat Leslie Galea li wettaq il-feriti fuq Dylan Zarb. Mill-provi produċibbli jirriżulta wkoll li l-imputat Leslie Galea ta' d-daqqiet ta' furkettun lil Dylan Zarb meta Michael Zarb kien preżenti. Jirriżulta wkoll li Jean Claude Galea, Michael Zarb u l-imputat Leslie Galea wkoll ġew fl-idejn.

Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

5. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Dylan Zarb u/jew Michael Zarb."*

Mill-provi produċibbli jirriżulta li l-persuni kollha li kienu involuti f'din il-ġlieda inkluż l-imputat Leslie Galea, insulentaw, heddew jew inġurjaw lil xulxin bi kliem jew b'mod ieħor.

Fix-xhieda tagħhom kemm Dylan Zarb u anke Michael Zarb iddikjaraw li huma ġew mhedda mill-imputat Leslie Galea.

Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

6. **Ir-Raba Imputazzjoni:** "*Volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju."*

Mill-provi produċibbli jirriżulta li l-persuni kollha li kienu involuti f'din il-ġlieda inkluż l-imputat Leslie Galea volontarjament kisru il-bon ordni jew il-paċi

pubblika b'għajjat u storbju. Dan qiegħed jingħad għaliex il-ġlieda seħħet kemm ġewwa r-razzett u anke barra ir-razzett.

Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

7. **Il-Ħames Imputazzjoni:** *"Ħebbejt għal Dylan Zarb u/jew Michael Zarb sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara b'xi mod."*

Mill-provi produċibbli jirriżulta li l-persuni kollha li kienu involuti f'din il-ġlieda inkluż l-imputat Leslie Galea, ħebbew għal xulxin sabiex jinġurjaw jew idejqu jew jagħmlu l-ħsara b'xi mod jew ieħor lil xulxin. Fix-xhieda tagħhom kemm Dylan Zarb u anke Michael Zarb iddikjaraw l-imputat Leslie Galea kien ħebb għalihom.

Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

8. **Is-Sitt Imputazzjoni:** *"Mingħajr ma drabt jew sawwat, heddit bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabt, jew qbadt armi oħra kontra n-nies."*

Mill-provi produċibbli ma jirriżultax li l-imputat Leslie Gaea hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddab, jew qabad armi oħra kontra xi nies **mingħajr ma darabhom jew weġġahom**.

Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma tirriżultax.

## C. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Leslie Galea detentur tal-karta tal-identità bin-numru 56865M ħati tal-ewwel (1) u tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tilliberah minnhom, u wara li rat Artikoli 17, 31, 251B(1), 251B(2), 251B(3), 338(dd), 339(b), 339(d), 339(e), 383, 384, 385, 386, u 387 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Leslie Galea ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' erba' (4) snin li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta` l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjeż skont il-Liġi.

Finalment, bis-saħħa u ai termini ta` l-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteġġjament tiegħu, kif riżultanti mill-atti, fil-konfront ta' Dylan Zarb u Michael Zarb bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta` u għall-protezzjoni ta' Dylan Zarb u Michael Zarb, u għaż-żamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qiegħda bil-preżenti u f'termini ġenerali tagħmel Ordni ta` Trażżin fil-konfront tal-ħati Leslie Galea billi tipprojbixxi u tirrestrinġi lill-istess Leslie Galea milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil istess Leslie Galea milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Dylan Zarb u Michael Zarb, u din l-Ordni għanda tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawża tgħaddi in ġudikat.

Il-Qorti fissret lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta kif ukoll fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza.

Tordna li din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, lir-Reġistraturi (Qrati u Tribunali Kriminali), u notifikata lill-Dylan Zarb u Michael Zarb.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM--------------------------------**

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

**ORDNI TA' TRAŻŻIN**

**(ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)**

Każ Numru: 573/2016

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Roderick Spiteri)

**vs**

**Leslie Galea**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 56865M)

## Il-Qorti:

Qegħda tqis li jkun espedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni hawn isfel indikati, tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' Leslie Galea detentur tal-karta tal-identità bin-numru 56865M ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' sentejn (2);
2. Il-ħati qed jiġi pprojibit milli:
    a. javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Dylan Zarb u Michael Zarb;
    b. jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuna protetta tgħix, tiffrekwenta jew tirrisjedi;
    c. jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuna protetta.
3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

4. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet jiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill- Dylan Zarb u Michael Zarb.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Leslie Galea** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 56865M** |